# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-8 ta' Frar 2023**

**Rikors Numru : 108/2019 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**Sls**

**vs**

**Svs**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Sls datat 25 ta' April 2019, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*A. Dikjarazzjoni tal-fatti.*

1. *Illi r-rikorrenti u l-intimat isseparaw minn xulxin a mensa et thoro b'kuntratt ta' separazzjoni data 8 ta' Lulju 1993 in atti tan-Nutar Pierre Cassar (Dok A), u kif approvat b'digriet numru sitt mija tnejn u tletin u disghin tas-Sekonda Awla tal-Qorti Civili.*

2. *Illi skont il-kuntratt fuq imsemmi, il-konvenut obbliga ruhu li jhallas il-manteniment dovut lill-mara ghaliha u ghat-tifla minuri meta jahdem; f'kaz li d-dhul tar-ragel ikun il-minimum wage, hu obbligat li jhallas ghoxrin lira (LM20) fil-gimgha u f'kaz li d-dhul tar-ragel ikum aktar mill-minimum wage, hu jkun obbligat ihallas ghoxrin lira (LM20) kif ukoll hamsin fil-mija (50%) tad-differenza bejn id-dhul u l-minimum wage; u li jghaddi ukoll lir-rikorrenti*

*nofs kull bonus tal-Gvern.*

3. *Ill isa mindu saret is-separazzjoni konsenswali bejn il-partijiet l-intimat qatt ma hallas manteniment u anqas ebda beneficcju iehor mifthiem.*

4. *Illi skont ir-rekords tal-impjieg tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, l-intimat ilu impjegat sa mis-sena 2003 u ghaldaqstant ghandu jhallas il-manteniment dovut lir-rikorrenti skond il-kuntratt tas-separazzjoni ta' bejn il-kontendenti (ara Dok B).*

5. *Illi r-rikorrenti tiddikjara li hija taf il-fatti ta' dina l-kawza personalment.*

B. *Raguni ghat-Talbiet f'dawn u l-proceduri*

6. *Illi prezenti rikors qieghed isir sabibex l-intimat ikun ordnat ihallas il-manteniment u kull ma huwa dovut lir-rikorrenti kif hemm stipulat fil-kuntratt tas-separazzjoni ta' bejniethom.*

C. *Talbiet Attrici*

*Ghaldaqstant l-esponenti in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

1. *Tiddikjara li l-intimat ghandu jhallas manteniment u kif ukoll il-bonus dovut skond lil-ligi lir-rikorrenti.*
2. *Tillikwida l-manteniment u l-bonus dovut skont il-klawsola numru tlieta tal-kuntratt tas-separazzjoni hawn fuq imsemmija sa mindu beda jahdem.*
3. *Tikkundanna lill-intimat jhallas lir-rikorrenti l-manteniment u l-bonus hekk likwidat flimkien mal-imghaxx dekorribbli skond l-ligi sal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjes kontra l-intimat li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Svs datata 31 ta' Mejju 2019, a fol 22, li taqra hekk:

1. *Fl-ewwel lok ukoll in linea preliminari, din il-proceduri hija intempestiva ghaliex fl-ebda okkazzjoni qabel ma ntavolat dawn il-procedura, mal-attrici innotifikat jew interpellat lill-konvenut ghall-hlas ta' xi flejjes marbuta ma' manteniment u dan minkejja li ghaddew minnu kbar ta' snin mid-data tal-pubblikazzjoni tal-att ta' separazzjoni personali;*

2. *Fit-tieni lok, din il-procedura hija irrita u monka stante li l-attrici ma gietx debitament awtorizzata tipprocedi b'din il-kawza permezz ta' Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti, u dan stante li l-ebda procedura ta' medjazzjoni ma saret;*

3. *Fit-tielet lok, ukoll in linea preliminari, l-attrici hija prekulza milli tressaq it-talbiet odjerni in kwantu dawn jikkoncernaw lil bint il-partijiet RS, li fid-data tal-prezentata tar-rikors mahluf odjern kienet diga lahqet il-maggior eta'. Tassew, l-attrici ma ghandhiex il-kompetenza li f'dawn il-proceduri tidher ghal bintha RS, li fuq kollox ghandha madwar 35 sena.*

4. *Fir-raba' lok, ukoll in linea preliminari, it-talbiet attrici huma milquta bi preskrizzjoni fit-termini tal-Art. 2156(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

5. *Fil-hames lok, it-talbet attrici irridu jigu sostanzjati u l-attrici trid tipprova li hija ghadha tista' tircievi fil-prezent u ghall-perjodu msemmi minnha manteniment ghaliha, u b'hekk taghti prova li hija ma dekkaditx b'xi mod jew iehor minn dan id-dritt.*

6. *Fis-sitt lok, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt.*

*Salv, occorrendo, eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-attrici illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni, u b'riserva ta'; kull azzjoni spettanti lill-konvenut.*

*Jiddikjara u bil-gurament tieghu Svs jikkonferma illi: (vide fol 24)*

1. *L-istanti ma jaqbilx mal-fatti kif premessi mill-attriċi u fir-rispett tal-ewwel eccezzjoni jirrileva li huwa ma giex interpellat fl-ebda hin u fl-ebda istanza mis-sena 1993 sal-prezenti sabiex jhallas manteniment, mhux talli hekk talli r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ghadha amikevoli u minkejja dan qatt ma intalab l-ebda manteniment;*

2. *Fir-rispett tat-tieni eċċezzjoni minnu sollevata: in linea preliminari, ir-rikors ġuramentat odjern huwa null in kwantu ġie ntavolat mingħajr ma l-ewwel ġiet osservata l-proċedura tassattiva mposta mill-Art. 9 u 10 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.20 tal-Liġijiet ta' Malta. L-artikoli hawn ċitati huma ċari f'li jipprovdu 'lli meta persuna tkun trid tipproċedi quddiem din il-Qorti fuq, inter alia, nuqqas ta' qbil bejn partijiet dwar manteniment, dik il-parti għandha l-ewwel tippreżenta ittra fir-reġistru ta' din il-Qorti sabiex jiġi inizjat il-proċess ta' medjazzjoni u f'każ ta' eżitu negattiv tikseb l-awtorizzazzjoni sabiex tipproċedi f'istanza quddiem din l-istess Qorti. Mill-atti proċesswali huwa inekwivoku li tali proċedura ma ġietx segwita.*[1]

3. *Fir-rispett tat-tielet eċċezzjoni minnu sollevata: ukoll in linea preliminari, l-attriċi hija prekluża milli tressaq it-talbiet odjerni in kwantu dawn jikkonċernaw lil bint il-partijiet, RS li fid-data tal-preżentata tar-rikors maħluf odjern, kienet diġa laħqet il-maġġior eta'. L-Art. 3B(2)(a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jimponi lil dak il-wild li għalaq it-18-il sena u li allura ma għadux minorenni, li, fil-kapaċita' legali tiegħu ifittex hu stess għal manteniment li jista' talvolvta jkun dovut. L-attriċi ma għandhiex għalhekk il-kompetenza li f'dawn il-proċeduri tidher għal bintha RS. L-Art. 150(b) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ċar meta jistipula 'lli l-patria potestas tispicca malli minorenni jagħlaq 18-il sena; minn dak il-mument, l-ulied iridu jfittxu huma għad-drittijiet pretiżi.*[2]

4. *Fir-rispett tar-raba' eċċezzjoni minnu sollevata: ukoll in linea premilinari, it-talbiet attriċi huma milquta bi preskrizzjoni fit-termini tal-Art. 2156(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

5. *Fir-rispett tal-hames eċċezzjoni minnu sollevata: l-attriċi jeħtiġilha tissostanzja r-reklam tagħha in kwantu dan jikkonċerna l-manteniment minnha pretiż. Senjatament, l-attriċi*

---

[1] *Ara <u>AB f'isimha proprju u bhala legittima rapprezentanti ta' bintha X v. 1. CD u 2. Direttur tar-Registru Pubbliku</u> (Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), 25 ta' Ġunju 2012, Ċitazzjoni nru. 129/2010).*

[2] *Ara <u>Edwin Cilia v. Carmela sive Melina Cilia</u> (Qorti tal-Appell, 28 ta' Settembru 2012, Appell Ċivili nru. 38/2004/1). Ara wkoll <u>Antoinette Bugeja f'isimha proprio u f'isem bintha Maria v. Joseph Bugeja</u> (Qorti tal-Appell, 5 ta' April 2013, Appell Ċivili nru. 414/2004/1).*

*jeħtiġilha tressaq prova 'lli ma pperċepietx tali manteniment u 'lli ma avverawx ruħhom il-kundizzjonijiet pattwiti mill-kontendenti fil-klawsola numru 3 tal-att pubbliku tat-8 ta' Lulju tas-sena 1993;*

7. *Fir-rispett tas-sitt eċċezzjoni minnu sollevata: it-talbiet attriċi huma għal kollox infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt.*

8. *Huwa jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

Rat illi nhar il-21 ta' April 2022 il-partijiet ddikjaraw li ma kellhom aktar provi x'jippresentaw; (vide fol 137);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-digriet taghha datat 13 ta' Ottubru 2022 *(vide fol 148 et seq)* fejn din il-Qorti ssolevat l-eccezzjoni tal-kompetenza taghha ex officio, u ddifferixxiet il-kawza ghat-12 ta' Dicembru 2022 sabiex il-partijiet iressqu il-provi kollha li jidhrilhom necessarji u jaghmlu dawk is-sottomissjonijiet kollha li jidhrilhom opportuni fic-cikrostanzi qabel ma din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat illi mill-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Jannar 2023, l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx provi dwar l-eccezzjoni sollevata ex-officio minn din il-Qorti;

Semghat it-trattazzjoni mill-abbli avukati difensuri;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 35 et seq)** u spjegat illi hi u l-intimat kienu sseparaw permezz ta' kuntratt datat 8 ta' Lulju 1993 u in forza tieghu l-intimat kien obbliga ruhu li jghaddi manteniment ghall-attrici u ghat-tifla. Illi t-tifla taghhom RS illum ghandha sitta u tletin (36) sena. Illi minn meta sseparaw l-intimat kien ukoll dahal ghamel xi zmien il-habs izda hareg mill-habs fl-2001. Kien ghamel zmien rega' gie jghix mal-attrici izda mbaghad fis-sena 2008

rega' telaq mid-dar u minn dak iz-zmien l'hawn qatt ma hallas manteniment hlief wara li fethet din il-kawza. Illi minn Jannar 2020 huwa beda jghaddilha s-somma ta' EUR 93.50 fix-xahar. L-attrici qieghda tippretendi li l-intimat jaghtiha l-arretrati tal-manteniment u l-bonuses ghal dawn l-ahhar snin u cioe minn meta beda jahdem fis-sena 2011.

**Thresanne Howland Rapprezentanta Barrakka Limited xehdet nhar l-20 ta' Jannar 201 (vide fol 107 et seq)** u spjegat illi l-intmat huwa impjegat mal-kumpanija li hija qieghda tirraprezenta. L-intimat beda jahdem fl-1 ta' Gunju 2016 u ghadu impjegat mal-kumpanija. Ix-xhud esebit *Dok Th1* li jindika l-introjtu tal-intimat.

**Hellenio Galea in rapprezentanta tal-Agenzija Korrettiva ta' Kordin, xehed nhar l-10 ta' Marzu 2021 (vide fol 125 et seq)** u spjega illi l-intimat l-ewwel ma dahal il-habs kien fit-13 ta' Dicembru 1994 u hareg fit-13 ta' Dicembru 1995 fejn skonta multa li kienet giet konvertita f'sena habs. Sussegwentment rega dahal fil-11 ta' Novembru 1995 u kellu johrog fl-24 ta' Mejju 2000, fejn kien qieghed jiskonta sentenza fuq pussess u traffikar tad-droga, izda kien hemm ukoll sentenza ohra fuq pussess u traffikar fejn wehel sitt snin u tmien xhur u ghalhekk gie rilaxxat fit-2 ta'Novembru 2001. Mistoqsi mill-Assistant Gudizzjarju jekk l-intimat kienx qieghed jircievi xi haga sakemm kien qieghed fil-Facilita' Korrettiva, ix-xhud jispjega illi jekk l-intimat kien qieghed jahdem l-ammont ta' flus percepiti ikunu minimi, u sa dakinhar li xehed ix-xhud l-ammont kien EUR 32.00 fix-xahar.

**L-intimat xehed nhar il-21 ta' April 2022 (vide fol 138 et seq),** u spjega illi huwa kien iffirma separazzjoni u meta kien ghamel dan ma kienx f'senshih ghaliex kien *on hard drugs* u lanqas avukat ma kellu. Jiddikjara illi hu kien jiehu l-eroina u l-*crack/cocaine* u lanqas jaf fejn kien sar dan il-kuntratt. Illi imbaghad kien dahal il-habs fejn ghamel xi sitt snin u tmien xhur prigunerija. Kien hemm perjodu fejn il-kontendenti regghu rrikonciljaw kif hareg mill-habs. Jixhed illi kien ghamlu sena flimkien izda imbaghad kien hu li telaq mid-dar u beda jigri l'hemm u 'l hawn ghaliex ma kellux fejn joqghod u lanqas ma seta' jsib xoghol. Hu kien hareg mill-habs fis-sena 2001. Illi fis-sena 2011 habib tieghu fetah kumpanija tal-*cleaning* u kien hadu jahdem il-*Plaza Hotel*. Kienu sabuh tajjeb u ghamlulu kuntratt ta' mpjieg. Jikkonferma illi bejn it-2002 u l-2011 qatt ma hadem u filfatt f'dan il-perjodu kien rega beda jaghmel uzu mid-drogi. Illi fl-2011 kien mar jghix fil-post ta' ommu, il-ghaliex ommu marret tghix ma' huh, u ghalhekk huwa qaleb l-indirizz fuqu u ghadu jghix hemmhekk sal-lum flimkien ma' huh. Illi kien ghamel zmien jahdem ma' Arrigo u issa qieghed jahdem ma' Barrakka Company.

Jispjega illi l-attrici kienet infurmatu illi kien ser ikollha tharrku minhabba l-manteniment u li kienet ser taghmilu rapport l-ghassa minhabba li s-*Social Services* kienu baghtu ghaliha. Jishaq illi minn wara li telaq mid-dar fis-sena 2002 huma qatt ma regghu tkelmu izda ghadu jkellem lit-tifla. Jikkonferma illi kemm ilhom li nbdew dawn il-proceduri huwa qieghed ihallas il-manteniment kif maqbul fil-kuntratt. Izid illi huwa qatt ma kellu talba ghall-manteniment minghand hadd.

In **kontro-ezami,** l-intimat jirrileva illi huwa kien iqis lilu nnifsu bhala persuna separata u li din is-separazzjoni kienet pronunzjata mill-Qorti. Mistoqsi jekk jafx illi ghandu l-obbligu li jmatni lil uliedu u lill-martu, l-intimat jishaq illi huwa jifhem li jrid ihallas ghat-tfal sakemm ikollhom iz-zmien taghhom, izda hu ma kienx jahdem dak iz-zmien pero' jikkonferma illi qatt ma mar quddiem il-Qorti sabiex jitlob li jinheles minn dan l-obbligu.

In **ri-ezami,** l-intimat jixhed illi sakemm kien il-habs, hu kien irriforma ruhu u kien jahdem waqt li kien l-habs u l-attrici kienet tmur tarah u baqghet tmur tarah sakemm hareg mill-habs. Filfatt kienet hi li marret ghalih meta hareg mill-habs. Mistoqsi minn din il-Qorti, l-intimat jindika illi d-decisjoni li jmur jghix mal-attrici wara li hareg mill-habs, kienet decizjoni li l-kontendenti hadu flimkien u jikkonferma illi l-attrici dejjem ghenitu sakemm kien qieghed il-habs.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza preliminarja limitatata ghall-eccezzjoni sollevata ex-officio minn din il-Qorti dwar jekk din il-Qorti ghandhiex il-kompetenza *ratione materia* tiddeciedi t-talba tal-attrici. Illi permezz tar-rikors promotur l-attrici talbet lil din il-Qorti tordna lill-intimat zewgha ihallas l-arretrati tal-manteniment dovut lilha skond il-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar tat- 8 ta' Lulju 1993.

Illi mill-atti jidher illi l-partijiet kienu zzewgu fit-30 ta' Gunju 1983 gewwa l-Knisja Parrokkjali ta' Haz-Zabbar. Illi permezz ta' digriet bin-numru 632/1993 tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili, huma gew debitament awtorizzatti jidhru fuq il-kuntratt datat 8 ta' Lulju 1993 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar li permezz tieghu, il-kontendenti rregolaw is-separazzjoni personali taghhom.

Illi fl-imsemmi kuntratt il-partijiet kienu qablu illi:

4. ***Ir-ragel jobbliga ruhu li jghaddi manteniment lil mara ghaliha u ghat-tifla minuri meta jahdem;***

***a) f'kas li d-dhul tar-ragel ikun il-minimum wage hu obbligat ihallas ghoxrin lura (LM 20) fil-gimgha.***
***b) f'kas li dhul tar-ragel ikun aktar mill-minimum wage, hu jkun obbligat ihallas l-ghoxrin lura (Lm 20) kif ukoll hamsin fil-mija (50%) tad-differenza bejn id-dhul u l-minimum wage.***

***Ir-ragel ukoll jghaddilha nofs kull bonus tal-Gvern.***

***Jibqa miftiehem illi l-manteniment ma jinbidilix lanqas jekk il-mara timpiega ruha part time jew full time.***

***Il-manteniment huwa kalkolat a bazi ta' hamsin fil-mija (50%) tal-mara u hamsin fil-mija (50%) tat-tifla.***

***Il-manteniment tat-tifla jispicca malli hi taghlaq tmintax – il sena jew jekk timpjega ruha qabel.***

***Il-manteniment tal-mara jispiccca jekk hi tkun tghix ma haddiehor.***

Illif id-digriet taghha tat-13 ta' Otturbu 2022, *(vide fol 148 et seq)* din il-Qorti rriteniet kif segwenti:

***"Illi din il-Qorti kellha l-opportunita' illi terga' tara l-eccezzjonijiet preliminarji eccepieti mill-intimat fir-risposta guramentata tieghu kif ukoll it-talbiet tal-attrici. Illi r-regolament numru 4 tal-Ligi Sussidjarja 12.20 jistipula illi:***

***4.Lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) għandhom jiġu assenjati dawk il-kawżi li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti ċivili u ligħandhom x'jaqsmu ma':***

***(a) it-Titoli I, II u IV ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi ċivili;***
***(b) l-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta' Digrieti ta'Manteniment;***
***(ċ) l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Ordnijiet ta'Manteniment;***

***(d) l-Att dwar iż-Żwieġ; u***

***(e) l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri.***

***Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi essenzjalment l-mertu tal-proceduri gudizzjarji ordjerni huma l-infurzar ta' obbligazzjoni naxxenti minn kuntratt, u in vista tar-regolament su citat, jista jkun il-kas illi din il-Qorti hija sprovvista minn kompetenza taghha ratione materia.***

***Illi din il-Qorti rat ukoll l-artiklu 732A tal-Kap 12 tal Ligijiet ta' Malta li jistipula illi:***

***Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra,fil-każijiet fejn il-liġi tippermetti lill-qorti li ex officio tagħti eċċezzjoni mingħajr ma tagħti dik l-eċċezzjoni qabel ma l-kawża titħalla għas-sentenza, mingħajr ma tippermetti lill-partijiet li jieħdu konjizzjoni ta' dik l-eċċezzjoni qabel ma tingħata s-sentenza, u mingħajr ma l-partijiet ikunu jistgħu jipproduċu provijew jagħmlu sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjoni, il-qorti m'għandhiex tagħti dik l-eċċezzjoni fis-sentenza tagħha iżda għandha tagħti dik l-eċċezzjoni fil-qorti bil-miftuħ jew permezz ta'digriet in camera u l-partijiet ikunu jistgħu jipproduċu provi u jagħmlu sottomissjonijiet verbali dwar l-eċċezzjoni qabel ma tingħata s-sentenza dwar l-eċċezzjoni mogħtija mill-qorti."***

Illi fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur legali tal-attrici jishaq illi gialadarba din il-vertenza titratta kuntratt illi gie approvat mill-Qorti tal-Familja, u dan il-kuntratt qieghed jintalab jigi infurzat, din hija materja li taqa' taht il-kompetenzi tal-Qorti tal-Familja, u mhux tal-Prim Awla, b'dana illi ghalhekk dak li gie approvat mill-Qorti tal-Familja ghandu jigi enfurzat mill-Qorti tal-Familja u mhux minn Qorti ohra.

Illi da parti taghha, l-abbli avukat difensur tal-konvenut tinsisti illi permezz tal-eccezzjonijiet preliminari eccepieti fir-risposta guramentata, huma kienu diga' indikaw illi l-proceduri *de quo* huma intempestivi u monki.

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza ***Carmel sive Charles Farrugia vs Mariella Azzopardi*** (Rikors Guramentat 265/2011 MCH) decisa nhar is-6 ta' Ottubru 2011:

***Ir-regolament 4 meta jitkellem dwar il-kompetenza tal-Qorti tal-Familja jghid illi ghandhom jigi assenjati lil din il-Qorti fost affarijiet ohra kwistjonijiet li jidhru taht Titolu I, II u IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (Kap. 16). Li jinteressa lil din il-Qorti ghal din il-vertenza hi Titolu I li jitkellem dwar drittijiet u obbligazzjonijiet naxxenti miz-zwieg, manteniment tal-axxendenti u dixxendenti u separazzjoni personali cioe r-ragunijiet, modalita ta' separazzjoni w effetti fuq il-koppja, l-ulied u l-patrimonju inkluz is-successjoni.***

***Inoltre fl-iskeda tal-istess Avviz Legali nsibu klawsola 9 li tghid hekk: 9. (1) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti: (a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew mizzewgin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u access ta' wliedhom; jew (b) manteniment bejn il-konjugi; jew (c) bidliet f'kull haga regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali; jew (d) tibdil fi ftehim dwar kull haga msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-sub regolament; dik il-parti ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x'inhi t-talba taghha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fil-paragrafu 1 tar-regolament 4 u li tkun iffirmata u tigi pprezentata skond m'hemm f'dik id-diposizzjoni. (2) Il-Qorti ghandha ssejjah lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur, u ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3 tar-regolament 4.***

***Din il-Qorti hasbet dwar dan fit-tul. Hu minnu illi l-kwistjoni quddiemha jitratta dwar kwistjoni familjari cioe nuqqas ta' qbil bejn il-kontendenti, separati, kif gia inghad b'kuntratt pubbliku. Pero b'daqshekk ma jfissirx illi kull vertenza semplicement ghax hi vertenza bejn il-koppja bil-fors tmur quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) hi vestita b'kompetenza specifika limitata u kif kien qabel, hi l-Qorti Civili Prim'Awla li hi vestita bil-kompetenza li tisma' l-kawzi kollha li ma jaqghux fil-parametri specifici tal-Qorti tal-Familja, jew il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja. Harsa lejn it-talba attrici ma tirrigwardax vertenza ta' separazzjoni in corso li bla dubbju kienet tinkwadra***

> ***ruhha fil-poteri u mansjonijiet tal-Qorti tal-Familja. Kaz tipiku gie mistharreg mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet Agostino Farrugia vs Salvina Farrugia (9.02.2005).***
>
> ***Il-kaz quddiem din il-Qorti hu differenti. Il-partijiet anzi l-attur mhux qed jittanta jbiddel dak miftiehem bil-kuntratt tas-separazzjoni li illum hu ligi bejn il-partijiet. Mhux jattakka la l-manteniment dovut lil martu jew tal-wlied minuri u anqas il-klawsola fejn hu obbligat ihallas nofs l-ispejjez edukattivi u ancillari kif jirrizulta mill-istess kuntratt. Ma hemm ebda nuqqas ta' qbil kif irid l-artikolu 9 tal-iskeda ghall-Avviz Legali 397/2003 li minnu tohrog il-proposta konsegwenzjali da parti tal-attur li ghandu jigi mibdul jew imnehhi xi vinkolu li ntrabat fih fil-kuntratt ta' separazzjoni.***

Il-Qorti tal-Appell fis-Sede Inferjuri taghha fis-sentenza fl-ismijiet ***Anne Marie Galea Naudi vs Juan Carlos Galea Naudi*** deciza nhar it-3 ta' Ottubru 2008 mill-**Imhallef Philip Sciberras**, f'cirkostanzi li kienu jittrattaw rimbors da parti ta' wiehed mill-konjugi kontra l-konjugi l-iehor ta' spejjez inkorsi min wiehed mill-konjugi ghal minuri, spejjez kawtelati f'kuntratt ta' separazzjoni bejn il-konjugi tenniet:

> ***Oggettivament, it-talba attrici ma tintroducix fil-process ebda tema li ghandha kollegament ma' xi kwestjoni ta' separazzjoni li ghadha in corso, bhal ma hekk kien il-kaz deciz minn din il-Qorti fid-9 ta' Frar, 2005 in re: "Agostino Farrugia -vs- Salvina Farrugia", u fejn allura l-Qorti ddeterminat, in bazi ghac-cirkostanzi specjali ta' dak l-istess kaz, illi kien aktar adattat illi l-materja tkun skrutinata u deciza mill-Qorti tal-Familja. Hawnhekk ghandna sitwazzjoni fejn s-separazzjoni, konsenswalment maqbula, kienet gja definita <u>u dak li kien qed jintalab bl-azzjoni intentata kien biss u sempliciment l-ottemperanza ta' l-obbligu kontrattwali assunt mill-konvenut tal-hlas ta' nofs l-ispiza inkorsa</u>. Fil-prattika jigri dejjem, sija fil-presenza ta' gudikat jew ta' kuntratt ta' separazzjoni, illi parti tfittex lill-parti l-ohra biex din tonora l-obbligazzjonijiet, imposti jew assunti.***
>
> ***Ghal dan, il-parti ma tmurx quddiem il-Qorti tal-Familja, ammenokke non si tratta minn domanda ghal varjazzjoni jew kancellament ta' dawk l-istess obbligazzjonijiet, izda quddiem il-foro idoneju skond il-materja jew il-valur tat-talba. <u>Hu proprju dan li fil-konkret jaghmel il-kollegament max-xelta tal-foro</u>***

***kompetenti. Fil-kaz prezenti l-foro esklussiv kien it-Tribunal u mhux xi Qorti ohra.***

***[Enfasi ta din il-Qorti.]***

Din il-Qorti regghet rat ukoll ir-Regolament 4, u r-Regolament 6 tal- Legislazzjoni Sussidjarji 12.19:

***Lill-Qorti ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandhom jiġu assenjati dawk il-kawżi li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti ċivili u li għandhom x'jaqsmu ma':***
***(a) it-Titoli I, II u IV ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi ċivili;***
***(b) l-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta' Digrieti ta' Manteniment;***
***(ċ) l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment;***
***(d) l-Att dwar iż-Żwieġ; u***
***(e) l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri***

***6.Iill-Prim' Awla tal-Qorti Civili għandhom jiġu assenjati l-kawżi kollha li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Civili u li ma jiġux assenjati lis-Sezzjoni tal-Familja jew lis-Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.***

Rat ukoll ir-Regolament numru 9 tal-avviz Legali 397/2003:

***Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qort ifuq is-segwenti:***

***(a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew mizzewgin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u access ta' wliedhom; jew***
***(b) manteniment bejn il-konjugi jew***
***(c) bidliet f'kull haga regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali jew***
***(d) tibdil fi ftehim dwar kull haga msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subregolament dik il-parti ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x'inhi t-talba taghha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fil-paragrafu 1 tar-regolament 4 u li tkun iffirmata u tigi pprezentata skond m'hemm f'dik id-diposizzjoni.***

> ***(2) Il-Qorti ghandha ssejjah lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur, u ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3 tar-regolament 4.***
> ***[ommissis]***

Illi wara li qieset id-dispozizzjonijiet relevanti tal-ligi su citati u l-insenjatmenti sucitati, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-meritu tal-proceduri gudizzjarji odjerni huma l-infurzar ta' **obbligazzjoni naxxenti minn kuntratt**, u ghalhekk ma taqax taht il-kompetenzi ta' din il-Qorti kif deddatt mir-regolament su citat, b'dana illi din il-Qorti m'ghandhiex komptenza *ratione materia* sabiex tiddeciedi fuq il-meritu tal-azzjoni attrici.

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddikjara illi m'ghandhiex komptenza *ratione materia* sabiex tiddeciedi fuq il-meritu tal-azzjoni attrici u tghaddi biex tirrimanda l-atti lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghall-prosegwiment tal-prcediment.**

**Spejjes riservati ghall-vertenza finali.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**